# QORTI ĊIVILI
# PRIM’ AWLA

## ONOR IMĦALLEF
## DR FRANCESCO DEPASQUALE
**LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta’ nhar l-Erbgħa**
**Ħmistax (15) ta’ Diċembru 2021**

**Rikors Numru 1074/20 FDP**

Fl-ismijiet

**HSBC Bank Malta plc (C 3177)**

**Vs**

**Kuraturi Deputati appuntati sabiex jirrappreżentaw lill-assenti Marcel Philip Ellis (ID 372293M) u Wannapha Ellis (ID 42749A) u, permezz ta’ digriet datat 23 ta’ Frar 2021, ġew appuntati Dr Noel Bartolo u l-PL Gillian Muscat bħala Kuraturi Deputati u, permezz ta’ digriet datat 22 ta’ Ġunju 2021, ġie maħtur Dr Mario Caruana flok Dr Noel Bartolo**

**Il-Qorti:-**

1. Rat ir-rikors datat 16 ta’ Novembru 2021, li permezz tiegħu s-soċjeta’ rikorrenti, bil-ġurament tal-Avukat Raph Agius Fernandez talbet is-segwenti:

    1. *Illi l-Bank attur HSBC Bank Malta p.l.c. huwa kreditur tal-konvenuti wara li kien ipprovda faċilita bankarja lill-konvenuti u fil-preżent l-istess konvenuti huma debituri fil-konfront tal-Bank attur għas-somma ta’ mitejn sebgħa u għoxrin elf, erba’ mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (Eur 227,446.66), liema somma tirrappreżenta kwantu għal mija tnejn u ħamsin elf, disa’ mija tnejn u għoxrin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Eur*

*152,922.45) kapital u kwantu għal erbgħa u sebgħin elf, ħames mija erbgħa u għoxrin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€74,524.21) bħala imgħaxijiet sat-28 ta' Ottubru 2020 u salvi imgħaxijiet ulterjuri sal-pagament effettiv, liema ammont huwa dovut in konnessjoni ma' Home Loan Facility li ġie konċess permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Annalisa Caruana tas-6 ta' Ġunju 2008;*

2. *Illi interpellati sabiex iħallsu l-ammonti dovuti anke permezz ta' s-7 ta' Settembru 2018 iżda l-konvenut baqgħu inadempjenti;*

*Jgħidu għalhekk il-konvenuti għaliex m'għandiex din il-Qorti, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja:-*

1. *Tiddikjara illi l-konvenuti huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mitejn sebgħa u għoxrin elf, erba' mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (Eur 227,446.66) oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u*

2. *Tikkundanna għar-raġunijiet hawn fuq premessi, lill-konvenuti iħallsu lill-Bank attur in solidum is-somma ta' mitejn sebgħa u għoxrin elf, erba' mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (Eur 227,446.66) oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali datata 17 ta' Lulju 2018 kontra l-konvenuti li huma nġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat id-dokumentazzjoni eżebita mis-soċjeta' rikorrenti, ossija il-kuntratt datat 6 ta' Ġunju 2008, Statement tal-kont 16105900, Sanction Letter tas-soċjeta' rikorrenti datata 2 ta' April 2008 u l-Ittra Uffiċjali 2527/2018 datata 17 ta' Lulju 2018.

3. Rat illi fis-17 ta' Marzu 2021, il-Kuraturi Deputati laqgħu għal dak mitlub billi qajjmu s-segwenti difiżi:

*1. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhux edotti mill-fatti u għalhekk jirriservaw li jippreżentaw risposta ulterjuri meta u jekk jirnexxielhom jikkomunikaw mal-intimati minnhom rappreżentati u f'dan ir-rigward minn issa jitolbu lir-rikorrenti tipprovdilhom kull informazzjoni li jista' għandha dwar kull mezz ta' komunikazzjoni mal-intimati.*

*2. Illi l-bank attur irid jipprova li ġiet segwita skrupolożament il-proċedura tal-ħatra ta' kuraturi deputati u li jeżistu tassew ir-rekwiżiti għall-istess.*

*3. Illi sta għal bank attur li jipprova l-każ tiegħu sal-grad rikjest mill-Liġi.*

*4. Illi għal finijiet w effetti kollha tal-Liġi f'dan l-istadju l-esponenti jeċċepixxu li t-talbiet attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġi respinti.*

*5. Illi dato ma non concesso li ma jiġux akkolti l-eċċezzjonijiet sudetti l-esponenti jirrilevaw illi jekk hemm xi ammont li talvolta jista' jiġi dikjarat li hu dovut, għandu jekk ikun il-każ japplika l-benfiċċju tal-eskussjoni u/jew il-benfiċċju tal-qsim tad-dejn skond il-Liġi.*

4. Rat l-affidavit ta' Sina Ebejer, impjegata tas-soċjeta' rikorrenti li taħdem fid-Dipartiment tar-Recoveries ġewwa s-soċjeta' rikorrenti, ippreżentati fl-10 ta' Ġunju 2021, kif ukoll id-dokumentazzjoni minnha eżebiti.

5. Rat id-dokumentazzjoni ulterjuri ppreżentati mis-soċjeta' rikorrenti, ossija vera kopja tal-kuntratt ġia ppreżentat mar-rikors promotur u datat 6 ta' Ġunju 2008.

6. Rat illi fis-7 ta' Ottubru 2021, is-soċjeta' rikorrenti ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippreżenta w il-kawża ġiet differita għall-provi intimati.

7. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2021, il-Kuraturi Deputati għarrfu lill-Qorti illi, minkejja li ppruvaw jikkomunikaw mal-assenti konjuġi Ellis, ma rċevew ebda risposti mingħandhom, u għalhekk ma kellhom ebda provi x'jippreżentaw.

8. Rat illi fil-25 ta' Novembru 2021, il-Qorti dikjarat l-istadju tal-ġbir tal-provi bħala magħluqa u ddifferiet il-kawża għas-sentenza.

9. Perezz illi jirriżulta illi, fis-6 ta' Ġunju 2008, l-konjuġi Marcel Philip u Wannapha Ellis, li għalihom ġew appuntati bħala Kuraturi Deputati Dr Mario Caruana u l-PL Gillian Muscat, sar kuntratt ta' self da parte mis-soċjeta' rikorrenti lill-konjuġi Ellis fl-import ta' €177,000 għall-akkwist tal-fond 243, Main Street, Mosta.

10. Peress illi jirriżulta illi, għalkemm saru varji pagamenti da' parte mill-konjuġi Ellis, l-aħħar pagament sar fis-27 ta' Ottubru 2014, minn liema data 'l hawn, ma sar ebda pagament ieħor.

11. Peress illi jirriżulta illi fis-17 ta' Lulju 2018 ġiet ippreżentata Ittra Uffiċjali Nru 2527/18 fejn ġew interpellati sabiex iħallsu l-bilanċ dovut sa dakinhar, b'dan illi jekk tali pagament ma jseħħx fi żmien ġimgħatejn, il-bilanċ kollu jkun dovut.

12. Peress illi jirriżulta illi, sad-data tal-preżentata tal-kawża, ossija 16 ta' Novembru 2020, ma sar ebda pagament, u l-bilanċ dovut, flimkien ma' imgħax, kien fl-

ammont ta' €227,446.66, ossija mija, tnejn u ħamsin elf, disa' mija tnejn u għoxrin Ewro u ħamsa u erbgħin ċenteżmu (Eur 152,922.45) bħala kapital u erbgħa u sebgħin elf, ħames mija erbgħa u għoxrin Ewro u wieħed u għoxrin ċenteżmu (€74,524.21) bħala imgħaxijiet sat-28 ta' Ottubru 2020.

13. Peress illi ma ġew ippreżentati ebda provi in kontestazzjoni ta' tali ammont dovut, u għalhekk ma hemm ebda raġuni għaliex dina l-Qorti ma għandhiex tikkunsidra favorevolment it-talba rikorrenti.

**KONKUŻJONI**

**Il-Qorti,**

Wara illi rat l-atti kollha proċesswali;

**Tiċħad** l-eċċezzjonijet tal-Kuraturi Deputati**;**

**Tilqa'** t-talbiet tas-soċjeta' rikorrenti *nominee* kif dedotti;

**Tiddikjara** illi l-konvenuti Marcel Philip Ellis u Wannapha Ellis, kif debitament rappreżentati mill-Kuraturi Dr Mario Caruana u l-PL Gillian Muscat, huma debituri solidali fil-konfront tal-Bank attur fis-somma ta' mitejn sebgħa u għoxrin elf, erba' mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (Eur 227,446.66) oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk;

**Tikkundanna** lill-konvenuti Marcel Philip Ellis u Wannapha Ellis iħallsu lill-Bank attur in solidum is-somma ta' mitejn sebgħa u għoxrin elf, erba' mija sitta u erbgħin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu (Eur 227,446.66) oltre l-imgħax legali ulterjuri mid-29 ta' Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv, a tenur tal-artiklu 1142 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Bl-ispejjeż**, inklużi dawk ta' l-ittri uffiċjali datata 17 ta' Lulju 2018 kontra l-konvenuti Marcel Philip Ellis u Wannnapha Ellis solidament bejniethom.

**Francesco Depasquale** **LL.D. LL.M. (IMLI)**
**Imħallef**

**Rita Sciberras**
**Deputat Reġistratur**